MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar

**Laqgħa Numru 23 – 4 Leġiżlatura**

**Il-Ħamis 05 ta' Ottubru 2023**

Il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv fi 28 Ċentru Parrokkjali, Triq San Edwardu, Ħal Qormi, u b'mod virtwali fil-5.30 pm.

PREŻENTI FL-UFFIĊĊJU:

| | |
|---|---|
| President | Is-Sur Jesmond Aquilina |
| Sindku Marsaxlokk | Is-Sur Steven Grech |
| Kunsilliera Ħal-Luqa | Is-Sinjura Lucia Massa |
| Sindku Ħal-Qormi | Nutar Josef Masini Vento |
| Sindku Santa Luċija | Kapt. Charmaine St John |

PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:

| | |
|---|---|
| Viċi President/ Sindku Gudja | Dr Marija Sara Vella Gafa |
| Sindku Żejtun | Sa. Doris Abela |
| Sindku Santa Venera | Is-Sur Stephen Sultana |
| Sindku Marsaskala | Chev. Mario Calleja |
| Sindku B'Buġia | Is-Sur Scott Camilleri |
| Sindku Marsa | Is-Sur Josef Azzopardi |
| Sindku Ħal-Għaxaq | Is-Sur Darren Abela |

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

UFFIĊJAL PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Sa. Mariella Strout | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

# Minuti

Il-President is-Sur Jesmond Aquilina jippresjedi din il-laqgħa.

**23.1** **Qari tal-Ittri ta' Apoloġija;**

**23.1.1** Il-President informa li Kunsill irċieva ittra ta' apoloġija mingħand Sindku ta'

Christian Sammut fejn spjega li kemm huwa kif ukoll il-Kunsilliera Carmen Borg kienu jinstabu ma setgħux jattendu.

**23.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

**23.2.1** Il-President ressaq il-Minuti ta' Laqgħa wieħed u għoxrin (22) laqgħa tal-Kunsill Reġjonali għal din il-leġislatura, li ġew iċ-ċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

**23.2.2** Wara mozzjoni mressqa mil-Kunsilliera Luċija Massa u s-sekondat mis-Sindku Josef Masini Vento , il-membri tal-Kunsill Reġjonali approvaw b'mod unanimu l-Minuti msemmija.

**23.2.3** **Kunsiderazzjoni mill- Minuti**

**Sistema GIS relatata ma ġbir ta' l-iskart**

Il-President informa lil Kunsill li kif kien deċiż fl-aħħar laqgħa Reġjun bagħat twissija lil Kuntrattur ta' l-iskart peress li ma kien għadu mhux qed iforni lil Regjun bill GPS tracking ta' min fejn qed jgħaddi it-trakk ta' l-iskart. Fil-fatt din it-twissija ħadmet u fil-fatt bdew jintbagħtu tracking ta' bosta lokalitajiet. Dan it-tracking qed jiġi mibgħut forma ta' logs f'excel sheet u jinbidel forma ta mappa mil-maniġer Nicholas Spiteri. Inħossu li din mhux sistema tajba biżżejjed biex tindika postijiet fejn ma jkunx inġabar l-iskart. Għalhekk permezz tal-ħidma ta' tal-Maniġer Nicholas Spiteri qed tinħadem App sabiex il-Kunsilli ikunu jistgħu isegwu dak li qed jiġri waqt il-ġbir kif ukoll l-istess kunsill jista' jirrapporta nuqqasijiet b'modd immedjat. Il-Maniġer ta' spjegazzjoni ta' kif se tkun qed topera din l-App u li Reġjun flimkien mal-Mita kien qed j'applika għal-Liċenzi neċessarji sabiex tkun tista' tinħadem din l-App. Il-Kunsilliera preżenti rringrazzjaw lil Maniġer u qablu li din l-App tkun għodda neċessarja sabiex il-ġbir ikun qed issir iktar effiċjenti.

**Studenti min Kaleici**

Il-President informa f'12 ta' Settembru waslu l-istudenti min Kaleici. L-istudenti stqarrew li kienet żjara ta' esperjenza tajba ħafna għalihom. Din iż-żjara sarrfet sabiex dawn li studenti esponew ruħhom għal kultura Maltija u saru jafu aktar fuq ir-Reġjun Nofsinhar permezz tal- programm ta' żjarat. Il-President irringrazzja li Sindku Stephen Sultana li ħa ħsieb ukoll jospita lil is-student

**Il-Laqgħa Ġenerali Annwali**

Il-President qal illi Laqgħa Ġenerali Annwali saret u kienet laqgħa tajba fejn inqara ir-Rapport Amministrattiv 2022 kif ukoll ġie preżentat l-ewwel parti ta' rapport rigward il-valutazzjoni ta' l-impatt soċjali. Sindki sostnew illi l-interventi li saru mill Professjonisti li pparteċipaw fil-laqgħa kienu validi u wieħed għandu jkompli jsegwi fuq dawn il-punti li tqajmu. F'dawl ta' dan il-President informa li fil-bidu ta'sena dieħla se jiġi organizzat seminar sabiex jiġi diskuss ir-rapport finali ta' SIA. Il-President ir-rimarka li sfortunatament għalkemm il-Kunsilliera kienu kollha mistieden u infurmati b' invit, ftit kienu li attendew. Min naħa ta' Reġjun se jara li jkun hemm follow up b'telefonati ħalli jaċċerta li kullħadd jkun konxju ta' l-attivitajiet.

**Korsijiet -Qualification in Office Administration Jobsplus**

**Idea Academy kwalifikazzjonijiet fl-livell maniġerjali**

Il-President fakkar li fil ġimgħat li ġejjien kienu ser jibda il-kors Qualification in Office Administration li qed jiġi offrut mill Jobsplus. Dan il-kors inħadem flimkien ma Reġjun Nofsinhar sabiex jissaħħu il-ħiliet ta' dawk li jaħdmu fl-amministrazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Min jattendi dan il-kors ser ikollu kwalifika ta' MVQ 4. Fakkar ukoll dwar il-korsijiet fil-livell Maniġerjali li kienet qed toffri l-Idea Academy. Min jattendi jista' jibbenefika min sponsorship offrut mill-AKL.

**23.3 Komunikazzjoni mill-President;**

**23.3.1 Deputat Segretarju Eżekuttiv**

Il-President informa li l-Aġent Segretarju Eżekuttiv Mariella Strout kienet se tkun imsiefra bejn 8 ta' Ottubru u l-25 ta' Ottubru għalhekk matul dan iż-żmien id-Deputat Segretarju Eżekuttiv Dulcie Gauci kienet se tkun responsabbli mill uffiċju tal-Kunsill. Kien hemm qbil li matul dan il-perjodu Sa. Dulcie Gauci tkun qed tassumi l-inkarigu ta' Deputat ES u tirċievi ħlas skont il-kariga. Matul iż-żmien indikat Sa. Mariella Strout mhux ser tirċievi ħlas bħala Aġent Segretarju Eżekuttiv.

**23.3.2 Ftehim mal-Fondazzjoni ta' Naħal**

Il-President għamel referenza għal korrispondenza li l-Kunsilli u Kunsill Reġjonali irċieva mingħand il-Fondazzjoni ta' Naħla Maltija. Huwa fakkar li dan il ftehim jittratta il-ħarsien ta' Naħla Maltija u talba sabiex naħla Maltija tiġi dikjarata bħala l-insett Nazzjonali.

Il-Kunsilli kienu mħeġġa sabiex dawk il-Kunsilli li għadhom ma iffirmawx il-ftehim jagħmlu dan wara li jidentifikaw zoni li jista' jitħalla il-ħaxix salvaġġ sabiex jitgawda min naħal. Rigward l-appoġġ sabiex naħla Maltija tkun dikjarata bħala l-insett Nazzjonali, il-Kunsill ġew mħeġġa sabiex jikkomunikaw id-deċiżjoni tagħhom mil-aktar fiss. Sindki

qajmu il-punt li ċertu zoni f'lokalitajiet il-ħaxix selvaġġ ikun ta' periklu għal min ikun qed jimxi jew issuq għalhekk ikollu j'inqatta. Kien hemm qbil li ħaxix selvaġġ jitħalla fejn ma jkunx ta' periklu. Madanakollu, il-ftehim huma dejjem l-għażla tal-Kunsilli Lokali jekk iridx jiffirma jew le.

**23.3.3 Laqgħa mal-Cleansing Department**

Il-President informa li Direttur Ramon Deguara talab għal laqgħa ma President u Segretarju Eżekuttiv. Waqt din il-laqgħa ir-Reġjun ġie nfurmat dwar li skeda ta' tindif u manutenzjoni madwar il-lokalitajiet.

**23.3.4 Għajnuna Finanzjarja tal-Milied 2023**

Il-President informa li kienet ser tingħata għajnuna finanzjarja ta' 2,000 ewro lil kull Kunsill sabiex jintużaw għat-tiżjin jew attività tal-Milied 2023. Din l-għajnuna kienet ser tingħata mill-baġit Regjun Kulturali. Huwa spjega li dan setgħa issir wara li kienet reveduta l-allokazzjoni ta' Reġjun Kulturali u peress li Reġjun kien nefaq l-allokazzjoni b' għaqal. Il-Kunsill qabel u irringrazzja lil-President ta' din l-għajnuna.

**23.3.5 Libreriji**

Il-President informa li Malta Libraries kienet qed tirrevedi il-ftehim mal-Kunsilli Lokali għalhekk fakkar lil Kunsilli li min għadu ma tax risposta lill Maniġer Matthew Mallia jagħmel dan mil-aktar fiss. AES spjegat illi Reġjun kien qiegħed jgħin lil Malta Libraries tiġbor l-informazzjoni biss u ma kellhiex x'taqsam fil-ftehim.

**23.3.6 Xiri ta' Laptop**

Il-President informa li il-Kunsill Reġjonali kellu bżonn jixtri Laptop sabiex ikun jista' jagħti iktar servizz professjonali lil Kunsilli Lokali. Il-Kunsill qabel.

**23.3.7 Għajnuna Finanzjarja Żejt iz-Zejtun 2023**

Il-President għamel referenza għal attività Żejt iz-Zejtun fejn tenna li għalkemm din l-attività hija organizzata mil-Kunsill ta'Zejtun huwa ippropona li jkun xieraq li tingħata għajnuna ta' l-2,000 ewro għal din l-attività. Dan f'dawl li-Kunsill ta' Zejtun ma ibbenefikax mill-iskema tal-latrini peress li il-Kunsill kien diġà għamel it-tiswijiet li kien hemm bżonn. Il- President informa li ir-Reġjun kien ġie innominat mill Arts Council bl-attività il-Manuċċja tir ma żmien. Il-Kunsill qabel li tingħata l-għajnuna lil Kunsill ta' Zejtun.

**23.3.8 Intervent mill-President waqt il-laqgħa tal-Kunsill**

Il-President talab sabiex jagħmel intervent waqt il-laqgħa tal-Kunsilli dan sabiex tiżdied il-kommunikazzjoni bejn ir-Reġjun u il-Kunsilliera. Kien qed jinħass illi Kunsilliera ma



108

humiex konxi biżżejjed tal-ħidma li kien qed jagħmel ir-Reġjun. Il-Kunsill qabel ma dan is-suġġeriment u kien ser jinfurmaw mill-aktar fiss.

**23.3.9 Ħatra tal-Bord ta' Intervisti -Ingaġġ Uffiċjal Maniġerjali -Waste coordinator**

Il-President informa li is-sejħa għal ingaġġ ta' Uffiċjal Maniġerjali fuq l-immaniġġjar ta' l-iskart kienet għalqet u ħadd ma kien applika. Sadanittant ir-Reġjun irċieva applikazzjoni wara li kienet għalqet, ir-Reġjun staqsa lil Jobsplus jekk jistax jikkunsidra din l-applikazzjoni mingħajr ma terġax toħroġ is-sejħa. Il-Jobsplus informa li la ma kienx hemm applikazzjoni ir-Reġjun jista' jkompli bl-intervista. Il-President ippropona li jinħatar Bord sabiex jagħmel intervista lil kandidat. Kien hemm qbil li l-Bord ikun kompost min President Jesmond Aquilina bħala Chairperson, Viċi President Marija Sara Vella Gafa, Inġinier Jose Maria Agius bħala membri u Deputat Segretarju Eżekuttiv Dulcie Gauci bħala membru ex officio.

**23.3.10 Reġjun Nofsinhar - Malta International Organ Festival**

Il-President informa li Reġjun kien irċieva kommunikazzjoni mingħand is-Sur Joseph Lia fejn informa li ser issir Malta International Organ Festival. Dan il-Festival kien ser issir f'erbgħa lokalitajiet madwar ir-Reġjun. Il-kunċerti ser jitellaw nhar 24 ta' Novembru fil-Kappella ta' Bir Miftuħ il-Gudja, 28 ta' Novembru fl-knisja ta' Santa Marija Ħal-Għaxaq,2 ta' Diċembru fl-knisja dedikata lil-Madonna ta' Pompej Marsaxlokk u fl-5ta' Diċembru fil-kappella ta' San Bastjan Ħal-Qormi

**23.4 MoU LESA**

Il-President informa li Lesa bagħtet l-MoU ġdid. Dan l-MoU se jkopri sena waħda u kien qed jirrifletti ir-rati ġodda u tnaqqas b'40% fuq rimbors kollu relatat ma' l-ispejjeż ta' Tribunal. Fil-ġimgħat li ġejjien ser issir laqgħa ma Direttur ta' Lesa sabiex jiġi stabbiliet min fejn ser ikun qed jopera is-sit ta' tribunal.

**23.5 Reġjun Kulturali tan-Nofsinhar 2023 – Ċelebrazzjoni Għeluq ir-Regjun Kulturali**

Il-President informa li bħala parti mil-għeluq ta'Reġjun Kulturali ta' Nofsinhar kienet ser titella attivita nhar 1 ta' Diċembru. Għal din iċ-celebrazzjoni ser jiġu mistiedna is-Sindki, Segretarji Eżekuttivi, Kunsilliera u l-istaff tal-Kunsilli kif ukoll diversi mistednin fosthom il-Presidenti u Segretarji Eżekuttivi ta' Reġjuni u persuni oħra min entitajiet li taw is-sehem tagħhom matul din is-sena. Il-President irrakkomanda illi l-mistednin jintalbu jħallsu depożitu ta' 20 ewro ħalli b'hekk min jibbukkja ikun marbut li jattendi u tonqos ukoll ċertu ħela peress li attività se tkun bl-ikel. Dawk li eventwalment jattendu ser jingħataw id-depożitu lura. Il-Kunsill qabel ma din ir-rakkomandazzjoni. Il-President tenna li ser jiġu mistiedna il-President u rappreżentant mir-Reġjun ta' Evora mill Portugal. Din l-istedina hija reċiproka wara li Reġjun ta' Evora kien stieden lil Reġjun ta'

Nofsinhar 2022. Reġjun ta' Evora rebaħ it-titlu ta' Belt Kulturali Ewropeja 2027. Il-Kunsill qabel

23.6 **Skeda ta' Pagamenti;**

23.6.1 Il-President ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 09/23A-1 u 09/23B li ġew iċ-ċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

23.6.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sindku Steven Grech u sekondat Sindku Nutar Josef Masini Vento il-Kunsill Reġjonali approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti msemmija

**23.7** **Rapporti**

23.7.1 **Rapport Amministrattiv 2022**

Il-President staqsa jekk kienx hemm bżonn ta' emendi fuq ir-Rapport Amministrattiv 2022 kif ġie preżentat f' 13 ta' Settembru 2023. Il-Kunsill qabel ma' Rapport Amministrattiv għalhekk għandu jiġi kunsidrat bħala approvat.

**23.8** **Affarijiet Oħra**

**23.8.1** Il-President informa li saret talba riċerkaturi f'ħdan l-Università ta Malta li bħalissa qed ikomplu b'riċerka marbuta ma l-istudju ta' Valutazzjoni ta' l-Impatt Soċjali sabiex ir-Reġjun ikun responsabbli mid-data (gatekeeper) li ser tinġabar mill-kwestjonarju/riżultat li ser jinġabar mir-residenti ta' nazzjonalità barranija. Dan il-kunsens qed jintalab sabiex l-riċerka tingħata il-konferma mill Kumitat responsabbli mill Etika fil-UoM. Il-Kunsill qabel li jingħata dan il-kunsens.

**23.9** **Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li Jmiss;**

23.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-19.00 u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 09 ta' Novembru 2023 fil-5.30 pm.

Konfermati llum __09 ta'Novembru 2023 ____________________

Jesmond Aquilina
President

Mariella Strout
Aġent Segretarju Eżekuttiv